

- 3) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4 u 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ⁽¹⁾ flimkien mal-Artikolu 39(3) tar-Regolament Nru 1698/2005 jippermettu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-istess rekwiżit jista' jikkostitwixxi kemm rekwiżit obbligatorju (standard) kif ukoll rekwiżit li jmur lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji (kundizzjoni għall-ħlas ta' għajjnuna agroambjentali)?

⁽¹⁾ ĠU 2011, L 25, p. 8, rettifika fil-ĠU 2011, L 201, p. 20.

⁽²⁾ ĠU 2010, L 286M, p. 26, rettifika fil-ĠU 2012, L 206, p. 23.

⁽³⁾ ĠU 2009, L 30, p. 16, rettifika fil-ĠU 2010, L 43, p. 7.

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mit-tribunal amministratif de Montreuil (Franza) fis-7 ta' Ottubru 2019 – Bank of China Limited vs Ministre de l'Action et des Comptes publics

(Kawża C-737/19)

(2019/C 413/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinvju

Tribunal administratif de Montreuil

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Bank of China Limited

Konvenut: Ministre de l'Action et des Comptes publics

Domandi preliminari

- 1) Is-soluzzjonijiet tas-sentenza tal-24 ta' Jannar 2019, "*Morgan Stanley & Co International plc vs Ministre de l'Économie et des Finances*", C-165/17, huma applikabbli fil-każ fejn fergħa twestaq fi Stat Membru, minn naħa, tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT u, min-naħa l-oħra, servizzi għall-benefiċċju tas-sede tagħha u ta' fergħat stabbiliti fi Stat terz?
- 2) Meta l-fergħa stabbilita fi Stat Membru titlob dritt għal tnaqqis ibbażat fuq l-ispejjeż sostnuti minnha bil-għan li tipprovdi servizzi għall-benefiċċju tas-sede tagħha fi Stat terz, jgħid li l-esportazzjonijiet ta' servizzi finanzjarji u bankarji, il-persuna taxxabli tista' tnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud skont il-punt (a) tal-Artikolu 169 jew skont il-punt (ċ) tal-istess artikolu tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾?
- 3) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda u fil-każ fejn il-fergħa tista' titlob tnaqqis skont il-punt (a) tal-Artikolu 169, taħt liema kundizzjonijiet it-tranżazzjonijiet bankarji mwettqa mis-sede stabbilita fi Stat terz jistgħu jitqiesu li jagħtu dritt għal tnaqqis jekk ikunu twettqu fl-Istat Membru fejn ikunu ġew sostnuti l-ispejjeż suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud? Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda u fil-każ fejn il-fergħa tista' titlob tnaqqis skont il-punt (ċ) tal-Artikolu 169, taħt liema kundizzjonijiet id-destinatarju jista' jitqies li huwa stabbilit barra mill-Unjoni Ewropea meta l-fergħa tkun tinsab fl-Unjoni Ewropea u tkun tiffirma entità ġuridika waħda mas-sede?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.